MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 30/2006/1

**Brian Vella**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija aktar kmieni dan ix-xahar, u precisament fid-9 ta’ Gunju 2006, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi. Ir-rikors

promotorju gie intavolat fl-10 ta’ Mejju 2006. Permezz ta’ l-imsemmija sentenza dik il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u b’applikazzjoni tal-*proviso* tal-Artikoli 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament, iddeklinat milli tezercita s-setghat kostituzzjonali u “konvenzjonali” taghha peress li qieset li r-rikorrent kellu u ghad ghandu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju iehor effettiv ghal-lamenteli tieghu. Ghalhekk dik il-Qorti lliberat ukoll lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju u ordnat li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**2.** Qabel ma din il-Qorti tinoltra aktar biex tezamina r-rikors promotorju, s-sentenza appellata u r-rikors tal-appell – u s’intendi r-risposti u l-posizzjoni li hadu l-intimati – tajjeb li wiehed jaghti l-isfond ta’ din il-kawza. Biex isir dan wiehed irid, ghall-anqas in parti, jezamina l-atti tal-process penali quddiem il-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta’ Malta v. Brian Vella***, atti li, fl-udjenza tad-19 ta’ Gunju 2006, din il-Qorti ordnat li jitqieghdu a disposizzjoni taghha.

**3.** Permezz ta’ l-Att ta’ Akkuza 4/2003 Vella jinsab akkuzat mill-Avukat Generali b’serq kwalifikat, fost affarijiet ohra, b’omicidju volontarju (l-ewwel kap), b’omicidju volontarju ta’ Josephine Grima (it-tieni kap), u bl-omicidju volontarju tar-ragel ta’ Josephine Grima, Gerald Grima (it-tielet kap). Huwa jinsab akkuzat ukoll li ikkommetta delitt fil-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza, li kiser il-kundizzjoni ta’ sentenza li lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat entro certu periodu, kif ukoll li huwa recidiv. Dana l-Att ta’ Akkuza gie ppresentat fid-9 ta’ Jannar 2003. Fl-udjenza tas-17 ta’ Marzu 2003 quddiem il-Qorti Kriminali, wara li giet sorvolata eccezzjoni preliminari mqajma mill-akkuzat, il-kaz thalla sabiex jibda l-guri fit-2 ta’ Frar 2004. Effettivament, fit-2 ta’ Frar 2004 beda jinstema’ fil-Qorti Kriminali, sedenti l-Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono, il-guri ta’ l-imsemmi Vella. Wara li kienu ga nstemghu diversi xhieda, dik il-Qorti, meta fi stadju partikolari giet infurmata li l-kaz tal-allegat ko-awtur Domnic Bonnici ma kienx ghadu ghadda in gudikat b’mod ghalhekk li d-difiza oggezzjonat ghall-produzzjoni tieghu mill-prosekuzzjoni, b’digriet taghha tal-4 ta’ Frar 2004

xoljiet il-guri (i.e. *discharged the jury*) u ddifferiet il-kawza *sine die* biex tinstema' quddiem gurija differenti. Ghalkemm f'dik il-gurnata stess l-akkuzat, permezz ta' nota, informa lill-Qorti Kriminali li kien bi hsiebu "jappella" dak id-digriet, effettivament ma sarx appell, izda Vella ipproceda b'kawza kostituzzjonali quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn, in sostanza, talab bhala rimedju li, meta jerga' jigi appuntat il-kaz tieghu ghall-guri, l-allegat ko-awtur fir-reati ta' serq u omicidju volontarju ghandu jigi dikjarat bhala xhud mhux producibbli mill-prosekuzzjoni. Il-Prim Awla tal-Qorti (sentenza tal-24 ta' Novembru 2004) kif ukoll din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – (sentenza tat-12 ta' Lulju 2005) cahdu t-talba tar-rikorrent Vella.

**4.** Intant, fis-17 ta' Mejju 2004 l-allegat ko-awtur Domnic Bonnici ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u b'sentenza tad-19 ta' Mejju 2004 huwa gie kkundannat ghall-piena ta' tletin sena prigunerija. Bonnici appella mill-piena, u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat is-sentenza definittiva taghha fil-11 ta' Novembru 2004.

**5.** Wara rikors ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Settembru 2005 fil-proceduri kontra Brian Vella, il-Qorti Kriminali, b'digriet tal-4 ta' Ottubru 2005, ordnat li jsiru diversi korrezzjonijiet fl-Att ta' Akkuza originali, u ordnat li l-akkuzat Vella jigi notifikat bl-Att ta' Akkuza kif korrett. Il-guri kien nel frattemp gie appuntat ghas-17 ta' Ottubru 2005, izda Vella, b'nota ppresentata fil-5 ta' Ottubru 2005 iddikjara li jrid jipprevalixxi ruhu mit-terminu kollu (li kien ghadu qed jiddekorri) moghti lilu skond il-ligi u ghalhekk ma tax il-kunsens tieghu sabiex il-guri jsir kif ippjanat fis-17 ta' Ottubru 2005. Fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2005, Vella irrinunzja ghall-eccezzjoni preliminari minnu sollevata wara li kien gie notifikat mill-gdid bl-Att ta' Akkuza kif korrett bid-digriet tal-4 ta' Ottubru 2005, u l-Qorti Kriminali rriskedat il-guri ghad-9 ta' Jannar 2006.

**6.** Ghat-tieni darba, il-guri rega' beda fid-9 ta' Jannar 2006, izda l-ghada, 10 ta' Jannar 2006, wara li waqt id-deposizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija saret minnu referenza ghall-fatt li Vella kien f'xi zmien detenut il-habs

minhabba xi kawzi ohra, il-guri rega' gie xolt. B'digriet tat-13 ta' Jannar 2006, il-Qorti Kriminali rriappuntat il-guri ghall-5 ta' Gunju 2006. B'rikors presentat fit-3 ta' April 2006 quddiem dik il-Qorti – cioe` quddiem il-Qorti Kriminali – Vella talab lil dik il-Qorti li minhabba l-pubblicita` li l-kaz tieghu kien inghata fil-*media* hija "…tordna illi l-guri tieghu li huwa appuntat ghall-5 ta' Gunju 2006 ma jistax isir ghar-ragunijiet indikati fir-rikors u konsegwentement tiehu dawk il-passi u proceduri xierqa u opportuni fid-dawl tal-principju fondamentali tal-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat…". B'digriet elaboratissimu tas-7 ta' April 2006, il-Qorti Kriminali, wara li, fost affarijiet ohra, fissret il-mizuri li kien bi hsiebha tiehu fl-bidu tal-guri biex tassigura mhux biss ir-regola kardinali tal-presunzjoni ta' l-innocenzja izda wkoll li Vella jkollu minn kull aspett smigh xieraq, cahdet it-talba ta' l-akkuzat[1]. Fl-10 ta' Mejju 2006, meta allura l-guri, biex jinbeda t-tielet darba, kien fadallu ftit anqas minn xahar, Vella ppresenta nota fil-Qorti Kriminali li biha informa lil dik il-Qorti li kien intavola rikors kostituzzjonali (ir-rikors promotorju odjern). B'nota ppresentata fis-17 ta' Mejju 2006, l-Avukat Generali insista li l-guri kellu jibda fil-5 ta' Gunju 2006 peress li l-proceduri kostituzzjonali mibdija bir-rikors tal-10 ta' Mejju 2006 ma kienu ta' ebda ostakolu ghalbiex il-guri jerga' jibda kif ippjanat. B'rikors presentat quddiem il-Qorti Kriminali fid-29 ta' Mejju 2006, Vella talab li l-guri jigi differit ghal wara li jintemmu l-proceduri kostituzzjonali. Il-Qorti Kriminali, b'digriet tat-30 ta' Mejju 2006, cahdet it-talba pero` rrizervat li tvarja *contrario imperio* l-istess digriet taghha kemm-il darba l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha "taghti xi provvediment fir-rigward li jkun fis-sens li l-guri

[1] F'dan l-istess digriet tas-7 ta' April 2006, il-Qorti Kriminali ziedet tghid hekk: "…jekk it-talba kif redatta tista' jew ghandha tiftiehem bhala li qed titqajjem lanjanza ta' natura kostituzzjonali bil-ghan li din il-Qorti taghmel xi referenza lill-Qorti kompetenti skond il-Kostituzzjoni ta' Malta, din il-Qorti -- kif ghamlet fil-kaz ta' **Joseph Vella et** fuq citat u kif gie konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali – tirritjeni li t-tqanqil ta' tali kwistjoni huwa frivolu u vessatorju skond l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll skond l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 u dan ghaliex, kuntrarjament ghal dak kollu fuq espost f'dan id-digriet, l-akkuzat qed jipprezumi li l-process gudizzjarju penali li nbeda fil-konfront tieghu u li bhal issa jinsab quddiem din il-Qorti, ma ghandux il-mekkanizmu mehtieg biex jassigura li huwa jinghata smigh xieraq skond il-ligi, meta dan mhux il-kaz." Dwar din il-parti ta' dan il-pronunzjament tal-Qorti Kriminali ma jidher li giet sollevata ebda kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili in segwitu ghar-rikors promotorju odjern, cioe` ghar-rikors tal-10 ta' Mejju 2006.

m'ghandux jibda fil-5 ta' Gunju 2006". Wara dan, Vella ppresenta rikors fit-30 ta' Mejju 2006 quddiem il-Prim Awla fejn talabha tipprovdi b'mod *interim* li l-guri ma jibdiex fil-5 ta' Gunju 2006. Il-Prim Awla saggjament ipprovdiet hekk: *"Tqis li fit-twettiq tad-dmirijiet taghha fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, din il-Qorti generalment ma tindahalx fil-mod li bih Qrati ohra jiggestixxu l-kompetenza partikolari moghtija lilhom bil-ligi; Tqis li m'ghandha b'ebda mod f'dan l-istadju turi xi fehma dwar il-mertu tar-rikors promotur billi tesprimi ruhha dwar is-siwi li jsir il-guri tar-rikorrent fil-jum diga' appuntat; Tqis madanakollu li l-mertu tar-rikors promotur jolqot sewwasew u bhala fatt il-guri nnifsu tar-rikorrent; Tipprovdi dwar it-talba billi tordnalu jinnotifika b'dan id-digriet lid-Deputat Registratur tal-Onorabbli Qorti Kriminali biex jgharraf lill-Imhallef li qed jippresjedi dik il-Qorti b'dan id-digriet sabiex ikun jista' jikkonsidra jekk ghandux jipprovdi relattivament fir-rigward…".* B'digriet tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Gunju 2006 moghti wara li dik il-Qorti semghet ukoll x'kellu xi jghid l-Avukat Generali, il-guri, li kien appuntat biex jibda fil-5 ta' Gunju 2006 gie differit ghat-12 ta' Gunju 2006 "biex sa dan it-tant ikun maghruf ahjar l-ahhar zviluppi fuq ir-rikors Kostituzzjonali…". Fit-12 ta' Gunju 2006 peress li l-Qorti Kriminali kienet okkupata b'kawza (guri) iehor, il-guri ta' Vella rega' gie differit ghat-Tnejn 26 ta' Gunju 2006. Dan kollu qieghed jinghad biex kollox jitqieghed fl-perspettiva tieghu, anke peress li mill-atti mhux car jekk l-ewwel Qorti kellhiex a disposizzjoni taghha l-atti tal-kawza kriminali.

**<u>Ir-rikors promotorju</u>**

**7.** Bir-rikors promotorju tal-10 ta' Mejju 2006 l-appellant Vella, allura rikorrent, allega bazikament li minhabba l-*iter* hawn aktar 'l fuq gja traccjat, <u>bl-konsegewenti rappurtagg estensiv fil-*media*</u>, kif ukoll minhabba konferenza stampa li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ta (wara li l-guri gie xolt ghat-tieni darba) u li fiha saret referenza ghall-kaz tieghu, huwa ma kienx ser ikollu smigh xieraq fl-guri skedat li jibda fil-5 ta' Gunju 2006[2] b'mod partikolari minhabba li ser

[2] Issa riskedat ghas-26 ta' Gunju 2006.

tkun imminita l-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Huwa jipprova jigbor il-gravami f'dawn it-tlett paragrafi:

**"Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif fuq indikati fosthom il-pubblikazzjoni u gbir ta' xiehda ta' persuna komplici li indikat implikazzjonijiet *(sic!)* fil-konfront tar-rikorrent liema implikazzjonijiet gew rappurtati bhala fatti; u il-pubblikazzjoni tax-xiehda moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn gie moghti l-impressjoni li r-rikorrent qieghed iservi xi piena fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin; u peress illi l-istess Onorabbli Qorti [3] ppresjediet il-proceduri fil-konfront ta' Domnic Bonnici li kien akkuzat b'komplicita` fl-istess reati u anke ppresjediet iz-zewg gurijiet fil-konfront tar-rikorrent li gew xolti, jincidu b'mod serju fuq il-presunzjoni ta' l-innocenza u fuq id-dritt ghal smigh xieraq li jgawdi minnhom bhala drittijiet fondamentali r-rikorrent;**

**"Illi dawn ic-cirkostanzi jqajjmu fir-rikorrent u anke oggettivament f'individwu ordinarju dubbju dwar l-imparzjalita` mehtiega fi kwalunkwe proceduri u fuq in-necessita` ta' smigh xieraq;**

**"Illi inoltre meta wiehed iqis dawn ic-cirkostanzi fil-konfront tal-poter ta' influwenza li jgawdu l-mezzi tal-*media* kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija fuq ic-cittadini, li minnhom sejra tintghazel il-gurija, dan inaqqas dik il-fiducja li l-kors tal-gustizzja ghandu dejjem izzomm *(sic!)* f'socjeta` demokratika u li tqajjem dubbju fuq l-imparzjalita` tal-process u ghalhekk l-esponent ghandu ragunijiet oggettivament legittimi u li jinducu lil individwu ordinarju sabiex jiddubita` mill-imparzjalita` rikjesta ghal smigh xieraq."**

Ghalkemm il-lokuzzjoni adoperata hawn fuq (kif ukoll fil-kumplament tar-rikors) hija wahda ingarbuljata – donnu l-Malti beda jintuza biex jesprimi kuncetti u hsibijiet legali biss il-bierah! – u ghalkemm ir-rikorrent ma huwa xejn car

[3] Presumibbilment din hija referenza ghall-Imhallef, ghax il-Qorti ma "tippresjedix" !

fuq x'hiex qieghed verament jilmenta, jidher li l-imsemmi Vella qieghed bazikament jallega li hu mhux ser ikollu smigh xieraq ghal zewg ragunijiet (1) li minhabba l-*pre-trial publicity* li nghatat f'dan il-kaz mill-mezzi tax-xandir, maghduda l-pubblicita` li nghatat f'xi konferenza stampa li kien ta l-Kummissarju tal-Pulizija, il-gurija ser tkun pregudikata kontra tieghu, u (2) minhabba l-fatt li l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda fil-kaz tal-allegat ko-awtur kif ukoll fiz-zewg gurijiet li gew xolti ser jippresjiedi wkoll meta jerga' jibda (ghat-tielet darba) il-guri tieghu. Anke t-talbiet tar-rikorrent huma vagi ghall-ahhar (ghalkemm, kif ser naraw, dawn gew issa ccarati fil-mori tal-appell). Infatti, fir-rikors promotorju Vella talba hekk:

**"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-process tieghu minn dik l-istess Onorabbli Qorti Kriminali sejjer jikkostitwixxi u jinduci *(sic!)* jew jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta f'Kapitolu 319 u fil-Kostituzzjoni ta' Malta [4], u konsegwentement tghaddi sabiex taghti dawk ir-rimedji mehtiega sabiex id-drittijiet ta' l-esponent jigu mharsa u salvagwardati mill-pregudizzju serju li kkreat *(sic!)* fil-konfront tieghu bic-cirkostanzi fuq indikati u taghti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u opportuni."**

**8.** Ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghat-8 ta' Gunju 2006. F'dik l-udjenza quddiem l-Ewwel Qorti ma ngabux jew instemghu provi, u r-rikors thalla ghas-sentenza ghall-ghada, 9 ta' Gunju, meta, kif diga` rajna, inghatat sentenza rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati, u cioe` li r-rikorrent kellu jew kien ghad kellu rimedji ordinarji a disposizzjoni tieghu.

## Is-sentenza appellata

[4] Fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2006 quddiem il-Prim Awla – li hija l-unika udjenza li kien hemm fl-ewwel istanza – id-difensuri tar-rikorrent ipprecizaw, ghal kull buon fini, li huma kienu qed jinvokaw anke l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**9.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili waslet ghall-konkluzjoni taghha imsemmija fil-paragrafi numru **1** ta' din is-sentenza wara li kkunsidrat is-segwenti:

**"Illi fil-kaz li ghandna quddiemna, l-ilmenti tar-rikorrent huma li, minn kif sehhew il-grajjiet tal-mixja gudizzjarja tal-kaz tieghu sal-lum, sejrin jintlaqtu kemm il-jedd tieghu li jitqies innocenti sakemm (jew jekk) jinsab hati, u wkoll li l-process innifsu m'huwiex sejjer jiggarantilu smigh xieraq quddiem Qorti imparzjali. Huwa jorbot tali lmenti ma' tliet cirkostanzi ewlenin: (a) l-ewwel, li nghatat pubblicita` fil-gbir ta' xiehda ta' persuna komplici mar-rikorrent fir-rejati li huwa mixli bihom; (b) it-tieni, li nghatat pubblicita` tax-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija li kienet l-episodju li wassal ghax-xoljiment tal-ġuri; u (c) it-tielet, li l-imhallef li quddiemu sejjer jinzamm il-guri appuntat tar-rikorrent, huwa l-istess gudikant li ppresieda l-guri ta' persuna li kienet mixlija b'komplicita` mar-rikorrent fir-rejati li huwa mixli bihom, u kif ukoll il-gudikant li ppresieda z-zewg gurijiet li nbdew fil-konfront tar-rikorrent u li gew xolti;**

**"Illi l-Qorti hasbet hafna fuq dan ix-xenarju fil-qafas tal-eccezzjoni taht ezami, partikolarment meta qieghed jinghad mir-rikorrent li l-ksur tal-jedd ta' smigh xieraq huwa kemm wiehed oggettiv u kif ukoll wiehed suggettiv. Qieset sewwa wkoll il-prova**[5] **mressqa mill-intimati tar-rimedju li huma jghidu li r-rikorrent ghand u kellu f'kull waqt tal-*iter* processwali li qieghed jghaddi minnu. Minn dawn ir-riflessjonijiet li ghamlet jidhrilha li r-rikorrent tassew ghad ghandu ghad-dispozizzjonijiet tieghu rimedju "oriġinali" insitu fil-procediment kriminali li huwa msejjah jidher ghalih. Il-Qorti tqis li tali rimedju, minkejja kulma sehh s'issa, m'huwiex irrimedjabilment kompromess;**

**"Illi, f'dan ir-rigward, jidher ghaqli hafna li wiehed ifakkar li m'ghandu jkun qatt li din il-Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali taghha,**

[5] Kif inghad, ma jirrizultax li nstemghu provi.

**jkollha d-dritt li tistharreġ il-mertu u l-mod kif xi Qorti ohra ghandha tinterpreta jew tapplika l-ligi u dan taht l-iskuza li b'hekk ikun qieghed jithares il-jedd ta' smigh xieraq kif iridu l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni [6];**

**"Illi ghalkemm huwa minnu, kif jargumenta l-gharef difensur tar-rikorrent, li la l-Qorti Kriminali u lanqas il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jistghu jaghtu rimedju ta' ghamla kostituzzjonali, madankollu argument bhal dan jisposta, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-parametri tal-kwestjoni li ghandna quddiemna. Fl-ewwel lok, ghaliex il-ligi nnifisha [7] taghti twegiba ghal sitwazzjoni bhal din li tista' tinqala' quddiem Qorti ohra li ma tkunx din il-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali. Fit-tieni lok, dan jinghad ghaliex huwa mistenni u prezunt li l-procediment quddiem kull Qorti jitmexxa b'mod li jhares id-dritt ta' smigh xieraq, u dan b'harsien tar-regoli u rimedji procedurali li kull Qorti ghandha s-setgha li tahdem taht hom. M'huwiex ghalhekk prezunt li Qorti li ma tkunx ta' kompetenza "kostituzzjonali" se' tkun minnufih mizmuma milli, fit-tmexxija ta' kawza li jkollha quddiemha, tara li l-jedd ta' smigh xieraq tal-partijiet li jidhru quddiemha jithares tassew. Dan jghodd kemm ghall-procedimenti quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni Kriminali u kif ukoll fil-kaz ta' Qorti ta' kompetenza Civili;**

**"Illi kieku wiehed jitlaq bil-premessa maghmula mir-rikorrent f'din il-kawza, m'hemmx dubju li sejra tinholoq bixra perikoluza u anomala li, mqar fuq bizgha jew hsieb hazin, l-ebda kawza ma tkun tista' tinbeda jekk qabel ma jkunx tressaq ilment kostituzzjonali biex jgharbel jekk tali bizgha jew hsieb hazin kienx fondat. U biex taghmel hekk, din il-Qorti jkollha tabilfors taghti "pre gudizzju" fuq l-operat u l-komposizzjoni ta' Qorti ohra qabel ma dik tkun imqar bdiet twettaq xogħolha. Fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, dan ikun ifisser hbit jew attakk ta' sfiduċja *a***

[6] Kost. **9.10.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Micallef vs Avukat Generali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.238** a fol. **262-3**)
[7] Fl-Artikoli 46(3) tal-Kostituzzjoni u 4(3) tal-Kap 319

***priori*** **fis-sistema gudizzjarju taghna. Din ix-xejra tista' twassal ukoll biex, fuq ix-xilja li l-procediment huwa mtebba' bil-pregudizzju tan-nuqqas ta' smigh xieraq, Qorti effettivament tinzamm milli twettaq xogholha;**

**"Illi ghalhekk il-Qorti ssib li kienet tkun imprudenti li taghzel li tistharreg l-ilment tar-rikorrent f'dawn ic-cirkostanzi, ghaliex kienet tkun qeghda tanticipa xenarji ta' mgiba u atteggamenti li jistghu lanqas biss isehhu."**

**<u>L-appell</u>**

**10.** Brian Vella appella minn din is-sentenza. Din il-Qorti qrat ripetutament ir-rikors ta' appell biex tipprova tiffoka u ssib x'inhu verament il-gravam ta' l-appellant. L-appellant jerga' jsemmi l-fatt li l-guri tieghu ser ikun presjedut mill-istess Imhallef li ppresjeda l-kaz tal-allegat ko-awtur, u donnu jallega li anke li kieku huwa talab ir-rikuza tal-Imhallef fl-istadju opportun skond il-ligi – haga li evidentement huwa ghazel li ma jitlobhiex – xorta wahda sehhet jew ser issehh (f'dan ir-rigward l-appellant hu indeciz) vjolazzjoni tal-presunzjoni ta' innocenza tieghu. Ikompli jghid l-appellant: *"Ir-rikorrent jissottometti bir-rispett illi ma hemm l-ebda rimedju ordinarju li huwa jista' juza sabiex tigi rettifikata din is-sitwazzjoni* [ta' *prejudicial pre-trial publicity*] *u dan ghaliex dak li jrid jingieb tajjeb huwa l-memorja jew l-eskluzjoni tal-memorja ta' dawk l-individwi li ghandhom jiggudikawh. Ir-rimedji ordinarji li l-gurati ma jmorrux id-dar, ma jaqrawx gazzetti u ma jarawx ahbarijiet b'ebda mod ma jindirizzaw din il-pubblicita` li gia sehhet u bl-ebda mod ma jnessuhom dak il-pregudizzju li huma gia nghataw mill-pubblicita` li gia sehhet. Ir-rikorrent jissottometti bir-rispett illi ghalhekk huwa qieghed jitlob li l-guri tar-rikorrent ghandu jsir aktar tard u ghandu jghaddi aktar zmien sabiex jintuza t-trapass taz-zmien b'mod favorevoli sabiex l-individwi li sejrin iservu bhala gurati jiddistakkaw ruhhom minn dik il-pubblicita` akkuzatorja li gia sehhet."*

**11.** Fortunatament, fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2006 quddiem din il-Qorti, l-Avukata Dott. Therese Comodini Cachia, li assocjat ruhha ma' l-Avukati Dott. Angelo Farrugia u Dott. Chris Busietta fil-patrocinju ta' l-appellant u li kkonduciet it-trattazzjoni f'isem l-istess appellant, fl-ahhar specifikat b'mod car u kif trid il-ligi [8] x'qed jitlob bhala rimedju l-appellant fil-kaz li l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li d-dritt tieghu ghal smigh xieraq gie, qed jigi jew x'aktarx ser jigi miksur jekk il-guri tieghu jibda nhar il-Tnejn 26 ta' Gunju 2006. Fl-fatt, Dott. Comodini Cachia indikat zewg rimedji – u din l-indikazzjoni fl-ahhar ticcara hafna mill-konfuzjoni inutili li rnexxilu johloq l-appellant – u cioe` (kif gie testwalment verbalizzat):

1. **li jghaddi ftit aktar zmien qabel ma jigi celebrat il-process li jmiss biex b'hekk il-memorja tal-gurati potenzjali tkun kemm jista' jkun nieqsa minn dak li setghu semghu u saru jafu mill-processi gja mibdija izda abortiti**; u

2. **li l-process penali tar-rikorrenti appellant jigi eventwalment celebrat quddiem Imhallef minghajr gurati**.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**12.** Indikati dawn ir-rimedji, wiehed jista' jibda jizbarazza t-terren mill-karfa. Ma hemm ebda kwistjoni, ghalhekk, li l-process li ghandu jigi celebrat ikun presjedut mill-Imhallef Galea Debono – kif wiehed forsi seta' jahseb minn certi kummenti fir-rikors promotorju kif ukoll fir-rikors ta' appell – tant li l-istess appellant addirittura qed jipprospetta l-possibilita` li hu jigi gudikat dwar il-fatti mhux mill-gurati izda mill-Imhallef wahdu. Mill-banda l-ohra id-disposizzjoni tal-ligi li tipprojbixxi li f'kazijiet fejn tintalab il-piena ta' ghomor prigunerija wiehed ma jistax jitlob li jigi ggudikat mill-Imhallef wahdu[9] mhux qed tigi attakkata bhala li fiha nnifisha jew fil-konsegwenzi taghha, b'mod generali jew ghall-kaz partikolari, tilledi xi dritt fondamentali tar-

[8] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju 2006 fl-ismijiet ***Ignatius Licari noe v. Kummissarju tal-Artijiet et***.

[9] Artikolu 436(6), Kap. 9.

rikorrent appellant. Bir-rimedji kif issa prospettati huwa evidenti wkoll li dak li allura qed jallega l-appellant huwa mhux li gie jew qed jigi lez id-dritt fondamentali tieghu ta' smigh xieraq, izda semplicement li x'aktarx ser jigi hekk lez jekk il-process jibda issa. Kif tajjeb osservaw l-intimati appellati fir-risposta taghhom ghar-rikors ta' appell, il-vera kwistjoni li qed iqajjem l-appellant (apparti l-kwistjoni ta' l-imparzjalita` tal-Qorti in kwantu presjeduta mill-istess Imhallef) hija l-effett tal-pubblicita` li tat il-*media* lill-proceduri kriminali abortiti, lill-process ta' Bonnici u lill-konferenza stampa tal-Kummissarju tal-Pulizija in kwantu dawn jistghu jincidu fuq il-gurati potenzjali.

**13.** Issa, ma hemmx dubbju li fil-generalita` tal-kazijiet is-semplici rappurtagg ta' proceduri gudizzjarji, anke jekk akkumpanjati ghal xi zmien b'xi kummenti, ma jistghux jitqiesu fihom infushom li b'xi mod jippregudikaw il-process gudizzjarju li jkun jinvolvi l-gurati. Wara kollox, salv l-eccezzjonijiet meta, skond il-ligi, isiru divjeti tal-pubblikazzjoni, huwa dritt tal-gurnali u tal-mezzi tax-xandir in generali li jirrapurtaw *fairly and accurately* u li jghaddu lil haddiehor dak li jsir fi proceduri penali, daqs kemm huwa d-dritt tac-cittadin, hu min hu, li jircievi dik l-informazzjoni. Kif gie osservat minn Lord Hope of Craighead fis-sentenza tal-Privy Council tad-19 ta' Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet ***Montgomery and Coulter v. H.M. Advocate and the Advocate General for Scotland***, li kopja taghha giet ezibita mill-istess appellant,

**"I am not persuaded that the judges in the court below were in error in their assessment of the effect of the publicity that has been given to this case and of the question whether, despite that publicity, the jury can be expected to act impartially. Recent research conducted for the New Zealand Law Commission suggests that the impact of pre-trial publicity and of prejudicial media coverage during the trial, even in high profile cases, is minimal: Warren Young, Neil Cameron and Yvette Tinsley, *Jurie in Criminal Trials; Part Two*, Chapter 9, para. 287 (New Zealand Law Commission preliminary paper no. 37, November 1999). The lapse of time since the last exposure may**

**increasingly be regarded, with each month that passes, in itself as some kind of a safeguard. Nevertheless the risk that the widespread, prolonged and prejudicial publicity that occurred in this case will have a residual effect on the minds of at least some members of the jury cannot be regarded as negligible. The principal safeguards of the objective impartiality of the tribunal lie in the trial process itself and the conduct of the trial by the trial judge. On the one hand there is the discipline to which the jury will be subjected of listening to and thinking about the evidence. The actions of seeing and hearing the witnesses may be expected to have a far greater impact on their minds than such residual recollections as may exist about reports about the case in the media. This impact can be expected to be reinforced on the other hand by such warnings and directions as the trial judge may think it appropriate to give them as the trial proceeds, in particular when he delivers his charge before they retire to consider their verdict.**

**“The judges in the court below relied on their own experience, both as counsel and as judges, of the way in which juries behave and of the way in which criminal trials are conducted. Mr O’Grady submitted that there was no basis upon which one could assess the likely effect of any directions by the trial judge. He said that this was something that was incapable of being proved. But the entire system of trial by jury is based upon the assumption that the jury will follow the instructions which they recive from the trial judge and that they will return a true verdict in accordance with the evidence.**

**“The Scottish judges are not alone in proceeding upon this assumption. In the Supreme Court of Canada, in *Reg. v. Corbett* [1988] 1 S.C.R. 670, 692, Dickson C.J. said that jury directions are often long and difficult but that the experience of trial judges is that juries do perform their duty according to law. In *R. v. Vermette* (1988) 50 D.L.R. (4$^{th}$) 385, 392 La Forest**

**J., under reference to the *Corbett* case, said that dicta in that case underlined the confidence that may be had in the ability of a jury to disabuse itself of information that it is not entitled to consider. In the High Court of Australia, in *The Queen v. Glennon* (1992) 173 C.L.R. 592, 603 Mason C.J. and Toohey J. said that the law proceeds on the footing that the jury, acting in accordance with the instructions given to them by the trial judge, will render a true verdict in accordance with the evidence and that to conclude otherwise would be to underrate the integrity of the system of trial by jury and the effect on the jury of the instructions given by the trial judge. In the Irish High Court, in *Z. v. Director of Public Prosecutions* [1994] 2 I.R. 476, 496 Hamilton P., drawing upon his experience as counsel and as a judge, said that he shared in the confidence that his legal system has in juries to act with responsibility in accordance with the terms of their oath, to follow the directions given by the trial judge and a true verdict give in accordance with the evidence. I consider that the judges in the court below were entitled to draw upon their experience, and I see no reason in the light of my own experience to disagree with their assessment."**

U fl-istess vena, Lord Clyde ighid hekk:

**"The issue for determination is whether the Appeal Court were correct in holding that despite the considerable pre-trial publicity which has followed upon the trial of Ronnie Coulter the appellants may still receive a fair hearing before an impartial jury. Despite the powerful arguments which counsel for the appellants presented I have not been persuaded that the Appeal Court were in error in so holding. It can certainly be accepted that the publicity here has been extensive. We have been shown a number of excerpts from television broadcasts and a substantial quantity of items from the public newspapers and other publications have been put before us. There must have been many members of the public who through one means or another became aware of the concerns**

**raised by the first trial and its verdict. The Lord Justice General (Rodger) accepted that the publicity given to the remarks by the trial judge and the response by the Lord Advocate was such that a significant number of those ballotted into the jury would be generally aware of the background. As a matter of first impression from the quantity and intensity of the publicity it is not difficult to recognise that some fear could reasonably be held that at least objectively a jury might be seen as lacking a due impartiality.**

**"But I have not been persuaded that the situation is one where despite the most careful directions by the trial judge a fair hearing can be said to be impossible. The passage of time must be seen to have dimmed recollection of detail. The greatest quantity of the publicity occurred during the period immediately following the earlier trial and while echoes of it still continue references have become more spasmodic. A strong point was made by the appellants that the name of the victim had passed into the currency of those concerned to campaign against racism and that, whether justifiably or not, a parallel had been drawn with the case of Stephen Lawrence. Each of those factors may well serve to perpetuate a recollection of the matter or to bring it back more vividly to the mind of a juror. On the other hand, at least according to the Crown, this was not a racially motivated assault and on that approach the focus of some of the publicity may not be so directly relevant.**

**"While there has been some mention of the names of the appellants the focus of the publicity has not been concentrated on them personally, but rather on the necessity to bring to trial those, whoever they are, who were involved in the assault and have not been brought to trial. In so far as there may be any dispute on the identification of the appellants as the assailants it does not seem to me that the publicity has created serious prejudice upon the fair resolution of that issue. While it is perfectly proper to ask**

**publicly that the person or persons who are responsible for a murder should be identified and tried for that crime, it does not follow that when persons are brought to trial there is such a consequent prejudice against them whoever they may be that a fair hearing is impossible.”**

**14.** Dan kollu qed jinghad biss b’mod generali u akkademiku, u mhux b’applikazzjoni ghall-kaz in dizamina. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti ghandha biss quddiemha (i) decizjoni tal-Prim Awla li ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha ghax kienet tal-fehma li kien hemm mezz xieraq ta’ rimedju taht il-ligi ordinarja, u (ii) appell minn dik id-decizjoni li hekk iddeklinat. Issa, minn dak li ghadu kif inghad fil-paragrafu precedenti hu evidenti li *pre-trial publicity* tista’ tiehu diversi forom u, aktar importanti, l-intensita` u l-impatt taghha jista’ jvarja konsiderevolment minn kaz ghal kaz. Altru semplici rappurtagg ta’ dak li jkun gara matul il-guri, altru kummenti u kampanja intensiva li jipperduraw sa ftit qabel ma jibda l-process. Hu evidenti wkoll li biex jigi minimizzat il-pregudizzju ghall-akkuzat (u, possibilment, fil-kazijiet kongruwi, anke ghall-prosekuzzjoni) li talvolta tali pubblicita` tista’ tohloq, jista’ jkun mehtieg li d-data ta’ guri tigi spustata bi ftit gimghat jew ftit xhur – mhux, s’intendi, li l-process imur *alle calende greche*. U hawn qieghed, bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, l-izball taghha. Minghajr ma hija semghet imqar xi prova jew provi dwar l-allegata *pre-trial publicity* (ez. x’forma hadet din il-publicita`, x’intqal fil-konferenza stampa tal-Kummissarju tal-Pulizija, meta l-ahhar li kien hemm xi pubblicita` negattiva fil-konfront tal-akkuzat[10]) hija ghaddiet mill-ewwel biex iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha meta l-Qorti Kriminali kienet diga` qalet li ma kienitx lesta li tisposta d-data tal-guri – u dan f’kaz li jista’ jinghad li hu aktar uniku milli rari in kwantu l-guri gie diga` xolt darbtejn. Fi kliem iehor, jekk seta’ kien hemm biza’ fondat dwar in-nuqqas ta’ smigh xieraq, liema pregudizzju seta jigi mxejjen b’semplici spostament ta’ data bi ftit gimghat, l-ewwel

[10] S’intendi, f’analizi bhal din wiehed irid joqghod attent li kampanja negattiva avversa ma tkunx giet arkitettata mill-istess akkuzat jew akkuzati proprju biex itawwlu l-process ghal skopijiet ohra li jista’ jkollhom f’mohhom.

Qorti ma setghetx tghid li kien hemm rimedju ordinarju disponibbli, proprju peress li dak ir-rimedju kien diga` gie michud mill-Qorti Kriminali. F'dan is-sens, is-sentenza ta' l-ewwel Qorti tista' tigi kkwalifikata bhala "intempestiva", u ghalhekk biss ser tigi mhassra minn din il-Qorti. Jigi precizat li din il-Qorti mhux qed tghid li fil-kaz *de quo* x'aktarx ser jigi lez id-dritt fondamentali tal-appellant protett bl-Artikoli 6 u 39 tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament jekk il-guri isir kif ippjanat; u anqas ma hi qed tghid li ma hemmx tali lezjoni minhabba il-mekkanizmu *in built* fis-sistema tal-guri. Dak li qed tghid semplicement hu li biex taghmel l-*assessment* taghha f'dan il-kaz insolitu, anke jekk imqar biex tiddeklina li tezercita s-setghat taghha, l-ewwel Qorti kellha tisma' xi provi – haga li ma ghamlithiex.

**15.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tpoggi lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma bdiet l-udjenza tat-8 ta' Gunju 2006, u tibghat l-atti lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din, wara li tisma' l-provi dwar l-allegata *pre-trial publicity*, tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tar-rikorrent fid-dawl tar-rimedji specifici minnu indikati fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2006 (ara para. **11** *supra*) -- salv dejjem xi rimedju aktar xieraq li dik il-Qorti jkun jidhrilha opportun -- u fuq l-eccezzjonijiet kollha (inkluza, ghalhekk, fuq l-ewwel wahda bbazata fuq il-*proviso* tal-Artikoli 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament) tal-intimati (appellati f'din l-istanza). Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez anke ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------